IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.9.2019
COM(2019) 429 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali

1 ta' Jannar 2014 - 31 ta' Diċembru 2017

Werrej

1. Sommarju Eżekuttiv 2
2. Daħla 3
3. Kuntest tar-Regolament 3
   3.1 Kuntest Ewropew 3
   3.2 Kuntest internazzjonali 4
4. Implimentazzjoni tar-Regolament 4
   4.1 Għanijiet u Prestazzjoni 4
   4.2 Definizzjoni ta' oġġetti kulturali 5
   4.3 Limiti tal-età u dawk finanzjarji 6
   4.4 Iċ-ċifri tal-liċenzja standard tal-esportazzjoni 6
   4.5 Liċenzji speċifiċi u ġenerali miftuħa 7
   4.6 Eżenzjoni mir-rekwiżit tal-liċenzja tal-esportazzjoni 8
   4.7 Raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja 8
   4.8 Kwistjonijiet ta' formola tal-liċenzja 9
   4.9 Kanċellazzjoni jew revoka tal-liċenzji 9
   4.10 L-użu ta' sistemi elettroniċi 9
   4.11 Penali u miżuri oħra 10
   4.12 Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet 10
   4.13 Riżorsi materjali u umani 11
5. Il-konklużjonijiet u l-kwistjonijiet pendenti 11
6. ANNESSI 13
   Tabella 1. Liċenzji Standard maħruġa mill-Istati Membri * 13
   Tabella 2. Liċenzji Speċifiċi Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni 14
   Tabella 3. Liċenzji Ġenerali Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni 15
   Tabella 4. Applikazzjonijiet għal-Liċenzji Standard irrifjutati 16
   Tabella 5. Kunsinni mhux konformi skoperti 17
   Tabella 6. Il-Liċenzji standard maħruġa mill-Istati Membri, meta mqabbla mal-Liċenzji standard irrifjutati u l-Kunsinni mhux konformi skoperti 18

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport jirrevedi l-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni għall-oġġetti kulturali stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2012.[1]

Ir-rapport huwa bbażat fuq *data* pprovduta mill-Istati Membri bi tweġiba għal kwestjonarju li jkopri l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni. Dan ikopri l-perjodu mill-2014 sal-2017. Iċ-ċifri rrapportati fl-anness huma relatati ma' tliet tipi ta' liċenzji tal-esportazzjoni: liċenzji standard, liċenzji speċifiċi miftuħa (esportazzjonijiet temporanji ripetuti minn persuni privati) u liċenzji ġenerali miftuħa (esportazzjonijiet temporanji ripetuti minn mużewijiet u istituzzjonijiet simili).

Ir-rapport jipprovdi wkoll informazzjoni dwar inizjattivi u sfidi attwali għall-futur, bħat-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri involuti fl-implimentazzjoni tar-Regolament, il-promozzjoni ta' fehim komuni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament mill-Istati Membri, l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki għall-awtoritajiet kompetenti u d-dwana fl-investigazzjoni tal-provenjenza ta' oġġetti kulturali, u l-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet tekniċi, finanzjarji u legali għall-użu ta' mezzi elettroniċi għall-ħruġ u l-kontroll ta' liċenzji tal-esportazzjoni, bħall-iżvilupp jew ir-rabta ma' sistema elettronika ċentralizzata li tista' taħdem mas-sistemi ta' żdoganar nazzjonali.

[1] L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta perjodikament rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

2. DAĦLA

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali[2] ("ir-Regolament") jissoġġetta l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti kulturali barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea ("UE") għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni u jiżgura li l-esportazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti jgħaddu minn kontrolli uniformi fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-Anness I jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament billi jelenka l-kategoriji ta' oġġetti kulturali li japplika għalihom, kif ukoll billi jistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' età u/jew valur għall-maġġoranza tal-kategoriji elenkati.

Il-liċenzji tal-esportazzjoni jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-aħħar Stat Membru li fit-territorju tiegħu l-oġġett kulturali jkun jinsab b'mod definittiv u legali. Il-kontrolli doganali mbagħad jiżguraw li oġġetti kulturali jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-UE biss jekk ikunu akkumpanjati b'liċenzja tal-esportazzjoni valida.

Sabiex jigi żgurat li l-liċenzji tal-esportazzjoni previsti fir-Regolament ikunu uniformi, kien meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-tfassil, il-ħruġ u l-użu tal-formola tal-liċenzja. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1081/2012[3] jipprevedi tliet tipi ta' liċenzji tal-esportazzjoni (liċenzja standard, liċenzja speċifika miftuħa u liċenzja ġenerali miftuħa) u jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tagħhom. Il-liġi nazzjonali ta' ċerti Stati Membri tista' timponi aktar restrizzjonijiet, inkluż ir-rekwiżit li tinkiseb liċenzja, għall-moviment ta' oġġetti identifikati bħala teżori nazzjonali.

Il-listi aġġornati tal-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li joħorġu liċenzji tal-esportazzjoni huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, kif ukoll il-lista tal-uffiċċji doganali li għandhom is-setgħa li jimmaniġġjaw il-formalitajiet tal-esportazzjoni[4].

L-għan tar-Regolament huwa li jirrikonċilja l-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-oġġetti ma' dak tal-protezzjoni tat-teżori nazzjonali fi ħdan il-qafas storiku tal-ħolqien tas-suq intern li neħħa l-fruntieri interni kollha bejn l-Istati Membri.

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tippreżenta perjodikament rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni, inkluża *data* statistika dwar l-użu ta' liċenzji, ipprovduta mill-Istati Membri bi tweġiba għal kwestjonarju li jkopri l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni, u fuq diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti ta' kwistjonijiet doganali relatati ma' oġġetti kulturali.

3. KUNTEST TAR-REGOLAMENT

3.1 Kuntest Ewropew

Is-sistema introdotta fil-livell tal-UE permezz tar-Regolament hija komplementari għal strumenti u inizjattivi oħra li għandhom l-għan li jħarsu l-proprjetà kulturali. L-aktar rilevanti minn dawn hija d-Direttiva 2014/60/UE dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali *(ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1).*

[3] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2012 tad-9 ta' Novembru 2012 għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (*ĠU L 324, 22.11.2012, p. 1).*

[4] L-aktar pubblikazzjoni reċenti ta' dawn ir-referenzi tista' tinstab fil-ĠU C 71, 24.2.2018, p. 5.

Membru[5]. Id-Direttiva tippermetti r-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali identifikat minn Stat Membru bħala teżor nazzjonali li jkollu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet ċentrali responsabbli mid-Direttiva fl-Istati Membri huma meħtieġa jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni dwar oġġetti kulturali mneħħija illegalment permezz tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI).

Kumpliment ieħor importanti għar-Regolament huwa r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 2019/880 adottat dan l-aħħar dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali[6]. Dan l-istrument il-ġdid jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni temporanja jew permanenti fl-Unjoni ta' oġġetti kulturali li nħolqu jew ġew skoperti f'pajjiżi terzi, kif ukoll għall-konsenji ta' tali oġġetti fi tranżitu. Minħabba d-dimensjoni tal-kummerċ estern tiegħu, it-tipoloġija tar-Regolament (UE) Nru 2019/880 kienet ispirata primarjament mill-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċitu tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali[7].

Fl-aħħar nett, żewġ miżuri tal-Unjoni *ad hoc* relatati, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003[8] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012[9], jipprojbixxu l-kummerċ ta' oġġetti kulturali mal-Iraq u s-Sirja.

3.2 Kuntest internazzjonali

Fil-livell internazzjonali l-aktar strument rilevanti fir-rigward tal-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali huwa l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970. Sal-lum, il-Konvenzjoni tinnumera 140 Stat Parti u ġiet ratifikata minn 26 Stat Membru.

4. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

4.1 Għanijiet u Prestazzjoni

Ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi għall-kontroll ta' oġġetti kulturali qabel l-esportazzjoni tagħhom mit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex, minn naħa waħda, jinżamm il-moviment liberu fis-suq intern, u min-naħa l-oħra, jiġu protetti t-teżori nazzjonali tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, l-Istati Membri jqisu li r-Regolament kiseb dawn l-għanijiet. Madankollu, ġew identifikati wkoll oqsma għal titjib.

B'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali, ir-Regolament mar pjuttost tajjeb. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu s-sistema tal-liċenzjar tiegħu bħala strument importanti ħafna biex tiġi żgurata l-legalità tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi, speċjalment fir-rigward ta' oġġetti kulturali li jirrikjedu liċenzja tal-esportazzjoni irrispettivament mill-valur tagħhom (pereżempju oġġetti arkeoloġiċi, partijiet ta' monumenti, eċċ.), filwaqt li għal kategoriji oħra ta'

[5] Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1).

[6] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 2019/880 tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1).

[7] Pariġi, l-14 ta' Novembru 1970.

[8] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 (ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6).

[9] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1).

oġġetti kulturali kien hemm każijiet fejn l-oġġett ġie ssottovalutat deliberatament biex jiġi esportat mingħajr liċenzja.

L-Istati Membri josservaw li aktar informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-wirt nazzjonali ta' xulxin tkun ta' għajnuna għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-ħruġ tal-liċenzji biex jiġġieldu l-kummerċ illeċitu b'mod aktar effettiv. Fir-rigward tal-effikaċja tal-kontrolli doganali, dawn jistgħu dejjem jitjiebu billi jikkonsagraw aktar riżorsi umani u materjali fil-fruntieri esterni u billi jidentifikaw u jadottaw l-aħjar prattiki.

Fl-2017 inħoloq Grupp ta' Proġett bil-għan li jiġu eżaminati l-metodi ta' ħidma tal-Istati Membri użati għall-finijiet ta' investigazzjoni tal-provenjenza ta' oġġetti kulturali, kemm mill-awtoritajiet kompetenti (meta jirċievu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji) kif ukoll mid-dwana (meta jeżaminaw il-konsenji jew jivverifikaw il-liċenzji tal-esportazzjoni), u sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u jiġi żviluppat parir prattiku għall-ħruġ ta' liċenzji u kontrolli doganali.

Mezzi oħra identifikati mill-Istati Membri biex itejbu l-prestazzjoni ġenerali tar-Regolament jinkludu gwida għall-fehim tat-termini "stabbiliti b'mod definittiv u legali" li jiddeterminaw l-Istat Membru li huwa kompetenti biex joħroġ il-liċenzja tal-esportazzjoni.[10] Dan jevita li operaturi bla skrupli jittrasferixxu temporanjament oġġett kulturali lil Stat Membru differenti għall-finijiet biss li japplikaw għal liċenzja fi Stat Membru li ma jkunx dak li jidentifika u jipproteġi l-oġġett bħala teżor nazzjonali.

4.2 Definizzjoni ta' oġġetti kulturali

Ir-Regolament ma jiddefinixxix x'inhu oġġett kulturali. Minflok, jelenka 15-il kategorija ta' oġġetti fl-Anness I tiegħu, li huma dawk li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Il-biċċa l-kbira tal-kategoriji elenkati huma akkumpanjati minn limiti minimi tal-età u tal-valur, li taħthom l-oġġetti kulturali ma jeħtiġux liċenzja tal-esportazzjoni. Ġeneralment, jitqies bħala l-prodott ta' kompromess ibbażat fuq il-kategoriji elenkati fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 biż-żieda tal-limiti tal-età u tal-valur. B'mod ġenerali, huwa meqjus li l-Anness I jipprovdi qafas adegwat.

Fir-rigward tal-fehim tal-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-kategoriji elenkati fl-Anness I, diffikultajiet partikolari bil-qari uniformi mill-Istati Membri ġew identifikati b'ċerti tipi ta' oġġetti kulturali bħal muniti; il-kopertura ta' kollezzjonijiet ta' oġġetti minflok kampjuni individwali fil-kategorija 13.b, il-klassifikazzjoni ta' ikoni liturġiċi bħala pitturi jew bħala partijiet ta' monumenti[11], kif ukoll opinjonijiet differenti fost l-Istati Membri dwar jekk l-elenkar ta' ċerti tipi ta' oġġetti fil-kategorija 15.a huwiex eżawrjenti jew indikattiv.

Fl-2013, sottogrupp maħluq mill-Kumitat tal-Artikolu 8 tar-Regolament kellu l-kompitu li jiġbor l-opinjonijiet prevalenti dwar kif għandhom jinqraw il-kategoriji differenti ta' oġġetti kulturali u identifika d-differenzi ewlenin bejn l-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq. Għandu jiġi nnotat ukoll li, b'mod partikolari fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ikoni liturġiċi, il-kjarifiki mressqa mir-Regolament il-ġdid (UE) Nru 2019/880 dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali huma mistennija li jsolvu l-kwistjoni (ikoni u statwi liturġiċi huma partijiet ta' monumenti reliġjużi).

[10] Sfortunatament ma kien hemm l-ebda każ relatat li qatt wasal għand il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u b'riżultat ta' dan ma hemm l-ebda definizzjoni speċifika ta' dawn iż-żewġ termini.

[11] Id-differenza prattika ewlenija hija li l-pitturi (kategorija 3) għandhom limitu ta' valur ta' EUR 150,000, filwaqt li partijiet ta' monumenti (kategorija 2) ikunu jirrikjedu liċenzja tal-esportazzjoni irrispettivament mill-valur tas-suq.

4.3 Limiti tal-età u dawk finanzjarji

Il-limiti tal-età stabbiliti mir-Regolament għal ċerti kategoriji ta' oġġetti kulturali ġeneralment jitqiesu bħala adegwati. Titjib possibbli ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-futur jista' jikkonċerna l-kjarifika tal-limitu tal-età għall-mezzi tat-trasport, iż-żieda ta' xi limiti minimi minn 50 għal 70 sena u l-iffissar ta' limitu minimu tal-età għall-kategorija ta' kollezzjonijiet biex jiġu evitati kontrolli mhux meħtieġa ta' għadd kbir ta' oġġetti kontemporanji mid-dwana.

Il-limiti finanzjarji jitqiesu pjuttost għoljin mill-maġġoranza tal-Istati Membri, filwaqt li minoranza ta' 3 Stati Membri jqisu li dawn għandhom ikomplu jogħlew.

Il-valur iddikjarat fl-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni huwa l-aktar ta' spiss il-valur tat-tranżazzjoni li jidher fuq il-fattura - fil-każ ta' esportazzjonijiet minn persuni privati, filwaqt li għal esportazzjonijiet temporanji minn mużewijiet għall-wirja barra mill-pajjiż, il-valur li għandu jiġi ddikjarat huwa dak tal-polza tal-assigurazzjoni.


Filwaqt li xi applikanti jidhru retiċenti li jiddikjaraw valur u xi oħrajn ma jistgħux jagħtu stima, għal-liċenzji standard tal-esportazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sistematikament jirreferu għall-valur doganali li huwa ddikjarat fid-dikjarazzjoni doganali mal-esportazzjoni.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri rispondenti jqisu li, jekk ikun possibbli, ikun utli li jiġi żviluppat approċċ uniformi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-oġġetti kulturali.

4.4 Iċ-ċifri tal-liċenzja standard tal-esportazzjoni

In-numru ta' liċenzji standard maħruġa mill-Istati Membri matul il-perjodu mill-2014 sal-2017 kien ta' 70,433 (ara wkoll it-Tabella 1 fl-anness għad-*data* annwali).

Liċenzji standard skont l-Istati Membri bejn l-2014 u l-2017




F'ordni mill-kbir għaż-żgħir, il-kategoriji ewlenin li għalihom waslu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji matul il-perjodu ta' rapportar kienu: oġġetti arkeoloġiċi (l-aktar għal wirjiet); inkunabulu, manuskritti u mapep; diversi antikitajiet tal-kategorija 15 bħal ġojjelli, strumenti mużikali, għamara, arloġġi, armi, ġugarelli, twapet, eċċ. (l-aktar għal esportazzjoni definittiva); segwiti minn pitturi, mużajk, ilwien tal-ilma, gwazzi u skulturi.

4.5 Liċenzji speċifiċi u ġenerali miftuħa

Jistgħu jinħarġu liċenzji speċifiċi miftuħa għal oġġett kulturali speċifiku li jiġi esportat temporanjament fuq bażi regolari minn persuna privata (Art. 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni). Matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2017, in-numru ta' liċenzji speċifiċi miftuħa li nħarġu kien ta' 1,428 (ara wkoll it-Tabella 2 fl-anness tad-*data* annwali). Numru sinifikanti ta' Stati Membri jirrapportaw li ma jipprevedux il-ħruġ ta' tali liċenzji. L-Istati Membri li joħorġu liċenzji speċifiċi miftuħa jagħmlu dan l-aktar għal strumenti mużikali esportati għal wirjiet artistiċi jew għal mezzi tat-trasport antiki esportati għal wirjiet.

Minbarra żewġ Stati Membri, l-oħrajn kollha ħarġu numri relattivament baxxi ta' dawn il-liċenzji matul il-perjodu ta' rapportar.


Liċenzji Speċifiċi Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni skont l-Istati Membri bejn l-2014 u l-2017



Il-perjodu massimu ta' validità ta' liċenzji speċifiċi miftuħa huwa stabbilit permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għal ħames snin. Il-maġġoranza tal-Istati Membri li joħorġu liċenzji bħal dawn japplikaw dan il-limitu; madankollu, jeżistu xi eċċezzjonijiet fejn it-tul massimu tal-validità huwa jew mhux speċifikat jew iqsar (bejn sena u tliet (3) snin).

Liċenzji ġenerali miftuħa (Art. 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni) jippermettu l-esportazzjoni temporanja fuq bażi regolari ta' oġġetti kulturali minn mużewijiet u istituzzjonijiet simili. Matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2017 in-numru ta' liċenzji ġenerali miftuħa li nħarġu kien ta' 1,501 (ara wkoll it-Tabella 3 fl-anness għad-*data* annwali). Il-perjodu massimu ta' validità ta' dawn il-liċenzji huwa wkoll stabbilit għal ħames snin. Il-maġġoranza tal-Istati Membri li joħorġu liċenzji bħal dawn japplikaw limitu iqsar. It-tul ġeneralment jiddependi fuq il-kopertura tal-assigurazzjoni jew il-ħtiġijiet għas-self jew għall-wirja.

Liċenzji Ġenerali Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni skont l-Istati Membri bejn l-2014 u l-2017



4.6 Eżenzjoni mir-rekwiżit tal-liċenzja tal-esportazzjoni

Wieħed biss mill-Istati Membri rispondenti rrapporta li għamel użu mill-possibbiltà li ma jirrikjedix liċenzja tal-esportazzjoni, kif previst fl-Artikolu 2(2), għal oġġetti li jitqiesu ta' interess arkeoloġiku jew xjentifiku limitat. L-argument ewlieni biex tintuża l-possibbiltà huwa li oġġetti arkeoloġiċi li mhumiex il-prodott dirett tat-tħaffir jitqiesu li għandhom valur xjentifiku limitat minħabba s-separazzjoni tagħhom mill-kuntest storiku arkeoloġiku tagħhom.

4.7 Raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja

Huma biss ftit l-Istati Membri li rrifjutaw li joħorġu liċenzja tal-esportazzjoni minħabba li l-oġġetti kulturali inkwistjoni kienu koperti minn leġiżlazzjoni nazzjonali li tipproteġi teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku skont is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 2(2). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni tiġi miċħuda jew irtirata mill-applikant għal raġunijiet oħra bħal: prova insuffiċjenti ta' provenjenza leċita; nuqqas ta’ konformità mar-regoli applikabbli; l-oġġett ikun falz; jew il-kwistjoni ta' liema Stat Membru huwa kompetenti biex joħroġ il-liċenzja ma tkunx ġiet solvuta.

Każijiet fejn l-applikant jirrifjuta li jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-provenjenza meta mitlub u mbagħad jirtira immedjatament l-applikazzjoni tiegħu huma rari. Meta jiġri dan, il-maġġoranza tal-Istati Membri jirrifjutaw l-applikazzjoni, jinformaw lill-applikant u, jekk ikun hemm suspett ta' provenjenza illeċita, huma jinformaw ukoll lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi xierqa dwar il-każ.

4.8 Kwistjonijiet ta' formola tal-liċenzja

Il-kwistjonijiet li ġejjin ġew identifikati fir-rigward tal-użu tal-formoli tal-liċenzji:

L-inklużjoni ta' ritratti fl-applikazzjoni għal-liċenzja hija element importanti ħafna, peress li tippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett mid-dwana fil-kontroll tal-liċenzja tal-esportazzjoni. Il-maġġoranza vasta tal-Istati Membri jirrikjedu ritratti fir-rigward tal-esportazzjonijiet definittivi. Ċerti Stati Membri jagħmlu xi eċċezzjonijiet f'każijiet ta' esportazzjoni temporanja ta' kollezzjonijiet jew għal oġġetti arkeoloġiċi partikolarment goffi ta' valur baxx jew kotba li ma għandhom l-ebda marka partikolari identifikabbli.

Fl-Artikolu 5 tiegħu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi li l-Karta Nru 3[12]tal-formola tal-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tintbagħat lura lill-awtorità kompetenti tal-ħruġ biex tikkonferma li l-esportazzjoni tabilħaqq saret u li l-liċenzja ntużat, iżda dan isir biss f'20% tal-każijiet.

Fin-nuqqas ta' sistema ta' reġistrazzjoni elettronika ċentrali, huwa diffiċli ħafna li jiġi vverifikat jekk il-Karta Nru 3 intbagħtitx lura, speċjalment jekk l-oġġetti jkunu ħarġu mit-territorju tal-Unjoni minn Stat Membru differenti. Xi Stati Membri jirrapportaw li qed jeżaminaw modi biex itejbu dawn il-kontrolli. Għandu jiġi nnotat li r-regolament il-ġdid dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali jipprevedi l-ħolqien ta' sistema elettronika ċentralizzata għall-immaniġġjar tar-rekwiżiti dokumentarji. Is-sistema tista' titfassal b'mod li jippermetti li jiġu koperti wkoll il-ħtiġijiet tal-iskema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni, inkluża l-verifika li saret l-esportazzjoni.

4.9 Kanċellazzjoni jew revoka tal-liċenzji

Madwar nofs l-Istati Membri għandhom leġiżlazzjoni li tipprovdi għar-revoka jew għall-kanċellazzjoni ta' liċenzji wara li jkunu nħarġu, jew minn dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' oġġetti kulturali jew permezz ta' liġi amministrattiva ġenerali li titlob għar-revoka ta' att amministrattiv meta jkun ibbażat fuq informazzjoni qarrieqa jew falza. Madankollu, Stat Membru wieħed biss irrevoka l-liċenzji (tlieta) matul il-perjodu ta' rapportar.

Il-liċenzji jistgħu jiġu kkanċellati mill-applikant wara li jkunu nħarġu. F'każijiet bħal dawn, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikjedu li r-ritorn tal-liċenzja jiġi rreġistrat bħala kkanċellat. Numru sinifikanti ta' Stati Membri jirrapportaw li meta l-liċenzja ma tintużax fil-perjodu ta' validità tagħha, l-awtorità kompetenti mhux dejjem issir taf b'dan minħabba li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn ma jieħdux lura l-Karta Nru 3 tal-formola (ara l-punt 3.8 ta' hawn fuq).

4.10 L-użu ta' sistemi elettroniċi

Il-liċenzji tal-esportazzjoni jinħarġu b'mod elettroniku fi Stat Membru wieħed biss. F'diversi Stati Membri oħra, l-applikazzjoni tista' timtela u tiġi sottomessa b'mod elettroniku (pereżempju billi jimtela fajl attiv .pdf onlajn) iżda l-iffirmar tagħha u mbagħad il-ħruġ tal-liċenzja tal-esportazzjoni nnifisha xorta waħda għadha ssir fuq karta. L-użu ta' sistema bbażata fuq il-karta huwa primarjament dovut għal-limitazzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni. Uħud mill-Istati Membri jixtiequ u għamlu pjanijiet biex jiżviluppaw sistema biex joħorġu liċenzji b'mod elettroniku. B'mod partikolari, tliet Stati Membri eżaminaw il-possibbiltà li joħolqu sistema konġunta u eżaminaw kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* u kunfidenzjalità tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali.

[12] Il-formola tinkludi tliet karti: Il-Karta Nru 1 tikkostitwixxi l-applikazzjoni, il-Karta Nru 2 hija għad-detentur tal-liċenzja u l-Karta Nru 3 għandha tintbagħat lura lill-awtorità tal-ħruġ, ladarba l-oġġett kulturali jkun ħareġ mill-Unjoni.

17-il Stat Membru ddikjaraw li huma jqisu li jkun utli li jiżviluppaw bażi tad-*data* elettronika jew servizz onlajn komuni fil-livell tal-UE għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni. 3 Stati Membri ma jaqblux magħha għaliex jippreferu jkomplu jużaw il-bażijiet tad-*data* tagħhom stess (li jkopru kemm liċenzji tal-esportazzjoni nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni) jew għaliex jemmnu li differenzi fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ifixklu s-sistema, filwaqt li żewġ Stati Membri ma esprimewx il-fehma tagħhom dwar il-kwistjoni. Fi kwalunkwe każ, il-bidla għal sistema elettronika tkun tirrikjedi emenda tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni li jimponu l-ħruġ ta' liċenzji fuq karta.

4.11 Penali u miżuri oħra

L-Istati Membri huma meħtieġa mir-Regolament li jadottaw regoli dwar penali effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tiegħu. Fil-maġġoranza tal-każijiet dawn il-penali huma kemm amministrattivi kif ukoll estremament iebsa u jistgħu jikkonsistu fl-impożizzjoni ta' multi u termini ta' priġunerija (medja ta' massimu ta' 2.5 snin).

Minbarra dawn il-miżuri, xi Stati Membri adottaw ukoll miżuri oħra bħall-konfiska tal-oġġetti kulturali; miżuri dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali minn pajjiżi terzi u oġġetti kulturali nnegozjati b'fazzjonijiet terroristiċi jew bi gwerra; rekwiżit għan-negozjanti tal-arti li jżommu inventarji u reġistri tat-tranżazzjonijiet; u multi għan-nuqqas ta' notifika tar-ritorn ta' oġġett kulturali esportat skont liċenzja temporanja.

4.12 Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

Fl-Istati Membri kollha, id-dwana hija l-awtorità primarjament responsabbli għall-kontroll tal-eżistenza u l-konformità tal-liċenzji tal-esportazzjoni fil-fruntiera. Meta twettaq dawn il-kompiti, f'xi każijiet id-dwana tkun megħjuna mill-pulizija u/jew servizzi oħra ta' sigurtà tal-fruntieri jew tad-dħul intern.

Għalkemm ir-Regolament ma jipprevedix proċeduri speċifiċi ta' kooperazzjoni amministrattiva, l-iskambji bejn l-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tar-Regolament ġew identifikati bħala mezzi meħtieġa biex itejbu l-prestazzjoni tiegħu, speċjalment f'każijiet fejn Stat Membru li ma jkunx dak li l-oġġett jappartjeni għall-wirt kulturali tiegħu jintalab joħroġ liċenzja tal-esportazzjoni.

Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti mhijiex frekwenti. Ftit minnhom jikkuntattjaw lill-kontropartijiet tagħhom fi Stat Membru ieħor biex jitolbu informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali, biex jiċċekkjaw jekk oġġett jiġix identifikat bħala teżor nazzjonali, biex isiru jafu aktar dwar il-provenjenza tiegħu jew biex jivverifikaw id-dokumenti ta' ċertifikazzjoni maħruġa hemmhekk. Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma kellhom l-ebda kuntatt mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra matul il-perjodu ta' rapportar, filwaqt li ftit minnhom kellhom 5-20 kuntatt.

L-awtorità responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji tal-esportazzjoni, jiġifieri l-"awtorità kompetenti", hija fil-maġġoranza tal-każijiet, iżda mhux tal-każijiet kollha, il-Ministeru nazzjonali tal-Kultura. Madwar kwart tal-Istati Membri rispondenti fdaw dan il-kompitu lil aktar minn servizz wieħed speċjalizzat fil-ħarsien tal-wirt nazzjonali, kultant skont il-kategorija li l-oġġett kulturali jappartjeni għaliha, pereżempju oġġetti arkeoloġiċi; arkivji storiċi, eċċ. F'żewġ Stati Membri bi struttura federali, dawn is-servizzi huma deċentralizzati. Xi ftit Stati Membri jinvolvu wkoll entitajiet pubbliċi oħra b'għarfien espert rilevanti fil-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni bħal-librerija nazzjonali, il-mużew nazzjonali jew id-dipartiment tal-ambjent tagħhom.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u kompetenti fl-istess Stat Membru, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jikkonfermaw li l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom involuti fl-

implimentazzjoni tar-Regolament qegħdin jikkooperaw b'mod suffiċjenti u effettiv, għalkemm sebgħa minnhom jemmnu li għad hemm lok għal titjib. Numru sinifikanti ta' Stati Membri rrapportaw li huma ħadu passi mmirati lejn it-titjib ta' kooperazzjoni bħal din fost l-awtoritajiet nazzjonali, bħall-iffirmar ta' memoranda ta' fteħim, l-organizzazzjoni ta' laqgħat konġunti regolari jew l-abbozzar ta' gwidi ta' referenza konġunti jew linji gwida proċedurali nazzjonali li jistgħu jintużaw jew li ntużaw ukoll fis-sessjonijiet ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-aġenziji/awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

Rigward il-kooperazzjoni ma' servizzi jew korpi nazzjonali oħra, madwar nofs l-Istati Membri għandhom fteħimiet ta' kooperazzjoni bil-miktub mal-pulizija nazzjonali, aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi, prosekuturi, eċċ

Xi awtoritajiet doganali jew kompetenti tal-Istati Membri stabbilixxew kooperazzjoni anke ma' awtoritajiet f'pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali li huma attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali bħall-Interpol, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), il-Europol, eċċ

Id-dwana ta' 16-il Stat Membru organizzat u/jew ipparteċipat f'azzjonijiet konġunti mmirati kontra l-kummerċ illeċitu ma' awtoritajiet jew organizzazzjonijiet oħra, bħalma huma l-operazzjoni Pandora I (immexxija f'Novembru 2016) u Pandora II (immexxija f'Novembru 2017) f'kooperazzjoni mal-Interpol, il-Europol, il-UNESCO u d-WCO u l-operazzjonijiet konġunti Colosseum u Odysseus f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju Reġjonali ta' Kollegament ta' Intelligence WCO għall-Ewropa tal-Punent, l-Interpol, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (TAXUD) tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet, il-Ministeru Taljan tal-Wirt Kulturali u l-"Guardia di Finanza" Taljana.

Meta d-dwana tiskopri kunsinna ssuspettata, normalment issegwiha billi żżomm l-oġġett u tikkuntattja lill-awtorità kompetenti li, f'ħafna każijiet, tinvestiga l-ksur possibbli tal-liġi flimkien mal-pulizija u l-prosekutur. Jekk jiġi affermat li l-oġġett kulturali ma jistax jiġi esportat, hija żżommu (f'xi każijiet din id-deċiżjoni tittieħed mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru).

4.13 Riżorsi materjali u umani

Il-ħtiġijiet tal-persunal u tar-riżorsi għall-implimentazzjoni tar-Regolament baqgħu stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri matul il-perjodu ta' rapportar. F'xi ftit Stati Membri huma meħtieġa ftit aktar esperti fi kwistjonijiet kulturali għall-ħruġ tal-liċenzji tal-esportazzjoni – għalkemm xi kultant huwa diffiċli jiġi vvalutat jekk il-ħtieġa akbar hijiex dovuta għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni - filwaqt li tnejn mill-Istati Membri li jirrapportaw iqisu s-servizzi tagħhom bħala kronikament nieqsa mill-persunal.

5. IL-KONKLUŻJONIJIET U L-KWISTJONIJIET PENDENTI

Abbażi tar-reazzjonijiet li waslu mingħand l-Istati Membri għall-perjodu ta' rapportar bejn l-2014 u l-2017, ir-Regolament jidher li sejjer tajjeb f'termini tal-ilħuq tal-għanijiet tiegħu u huwa meqjus bħala strument legali importanti għall-protezzjoni tal-wirt kulturali tal-Istati Membri.

Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni tar-Regolament madwar l-Unjoni hija identifikata bħala aspett possibbli fejn l-implimentazzjoni tista' titjieb. Azzjonijiet possibbli li l-Istati Membri jistgħu jieħdu f'dan is-sens jinkludu l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ, skambji ta' informazzjoni, parteċipazzjoni f'operazzjonijiet konġunti u għajnuna fl-identifikazzjoni tal-provenjenza u l-istatus legali tal-oġġetti kulturali.

Bi tweġiba għas-sejħa mill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' sett tal-aħjar prattiki (*Ara* t-Taqsima 6.3 tar-rapport preċedenti dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 116/2009[13]), inħoloq Grupp ta' Proġett taħt il-programm Dwana 2020, li l-għan tiegħu huwa li jistudja l-implimentazzjoni attwali fl-Istati Membri u jidentifika l-aħjar prattiki għall-kontroll tal-oġġetti kulturali, kemm fil-livell ta' awtorità kompetenti (kontroll tal-provenjenza għall-ħruġ tal-liċenzji) kif ukoll fil-livell tad-dwana (kontroll tal-konsenji mal-esportazzjoni u verifika tal-liċenzji tal-esportazzjoni).

Fir-rigward tal-promozzjoni tal-fehim uniformi tal-kategoriji fl-Anness I tar-Regolament, għaddejjin diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Esperti. L-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2019/880 titqies bħala żvilupp pożittiv, peress li l-kjarifiki li fih dwar il-klassifikazzjoni ta' ikoni liturġiċi bħala partijiet ta' monumenti se jipprovdu ċ-ċertezza ġuridika meħtieġa.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jikkonfermaw aktar minn qatt qabel il-ħtieġa li minn sistema ta' liċenzji tal-esportazzjoni tal-karti jgħaddu għal sistema elettronika u mingħajr karti. Fl-opinjoni tagħhom, pass bħal dan se jiffaċilita l-kwistjoni u l-kontroll tal-liċenzji tal-esportazzjoni, se jippermetti monitoraġġ aħjar tal-użu tagħhom u se jippromwovi kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri responsabbli mill-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-Regolament (UE) Nru 2019/880 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali jipprevedi l-iżvilupp ta' tali sistema elettronika ċentralizzata sabiex tittratta l-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-importatur lid-dwana. L-iżvilupp tagħha għandu jqis il-possibbiltà li tkun koperta wkoll il-ġestjoni tal-liċenzji tal-esportazzjoni.

[13] COM(2015) 144 final, 1.4.2015.

6. ANNESSI

Tabella 1. Liċenzji Standard maħruġa mill-Istati Membri *

	Sena				2014-2017	Sehem mit-total f'%
	2014	**2015**	**2016**	**2017**		
BE	410	389	355	346	1500	2,13 %
BG	0	3	8	3	14	0,02 %
CZ	24	7	80	101	212	0,30 %
DK (3)						
DE	1201	1311	1332	1161	5005	7,11 %
EE	0	0	2	4	6	0,01 %
IE	14	18	6	7	45	0,06 %
EL	1	2	2	2	7	0,01 %
ES	731	834	822	779	3166	4,50 %
FR	3102	2925	2968		8995	12,77 %
HR	17	20	16	24	77	0,11 %
IT (1)	566	635	559		1760	2,50 %
CY	3	3	2	3	11	0,02 %
LV	0	0	2	1	3	0,00 %
LT	0	9		0	9	0,01 %
LU	2	11	7	2	22	0,03 %
HU	6	28	55	30	119	0,17 %
MT	23	26	20	33	102	0,14 %
NL	214	317	314	398	1243	1,76 %
AT	525	543	808	690	2566	3,64 %
PL	121	81	81	8	291	0,41 %
PT (2)	229	230	280	358	1097	1,56 %
RO (3)						
SI	5	3	4	8	20	0,03 %
SK	1	2	1		4	0,01 %
FI	0	10	6	3	19	0,03 %
SE	265	99	226	137	727	1,03 %
UK	12642	11553	10746	8472	43413	61,64 %
Total	**20102**	**19059**	**18702**	**12570**	**70433**	**100,00 %**

(*) Liċenzja waħda tista' tkopri diversi oġġetti kulturali; iċ-ċifri jirreferu kemm għal dawk definittivi kif ukoll għal dawk temporanji.
(1) 2014: 242 def. 324 temp. 2015: 364 def. 271 temp. 2016: 307 def. 252 temp.
(2) 2014: 3 sostitwiti; 2015: 4 kkanċellati
(3) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

Tabella 2. Liċenzji Speċifiċi Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni

	Sena				2014-2017	Sehem mit-total f'%
	2014	2015	2016	2017		
BE	0	0	0	0	0	0,00 %
BG	0	0	0	0	0	0,00 %
CZ	0	0	0	0	0	0,00 %
DK (1)					0	0,00 %
DE	0	0	2	109	111	7,77 %
EE	0	0	0	0	0	0,00 %
IE	0	0	0	0	0	0,00 %
EL	0	0	0	0	0	0,00 %
ES	0	0	0	0	0	0,00 %
FR	12	5	1		18	1,26 %
HR	0	0	0	0	0	0,00 %
IT	0	0	0		0	0,00 %
CY	0	0	0	0	0	0,00 %
LV	0	0	0	0	0	0,00 %
LT	0	0	0	0	0	0,00 %
LU	0	0	0	0	0	0,00 %
HU	0	0	0	0	0	0,00 %
MT	0	0	0	0	0	0,00 %
NL	70	167	189	212	638	44,68 %
AT	0	0	0	0	0	0,00 %
PL	12	6	7	4	29	2,03 %
PT	0	0	0	0	0	0,00 %
RO (1)					0	0,00 %
SI	1	0	1	1	3	0,21 %
SK	0	0	0		0	0,00 %
FI	0	0	0	0	0	0,00 %
SE	0	0	0	0	0	0,00 %
UK	67	238	141	183	629	44,05 %
Total	**162**	**416**	**341**	**509**	**1428**	**100,00 %**

(1) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

Tabella 3. Liċenzji Ġenerali Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni

	Sena				2014-2017	Sehem mit-total f'%
	2014	2015	2016	2017		
BE	0	0	0	0	0	0,00 %
BG	1	5	0	3	9	0,60 %
CZ	0	0	0	0	0	0,00 %
DK (1)					0	0,00 %
DE	0	0	145	244	389	25,92 %
EE	0	0	0	0	0	0,00 %
IE	0	0	0	0	0	0,00 %
EL	6	4	3	4	17	1,13 %
ES	177	199	226	201	803	53,50 %
FR	0	0	0	0	0	0,00 %
HR	1	0	1	3	5	0,33 %
IT	0	0	0		0	0,00 %
CY	1	1	0	0	2	0,13 %
LV	0	0	0	4	4	0,27 %
LT	0	0	0	0	0	0,00 %
LU	0	0	0	0	0	0,00 %
HU	0	0	0	0	0	0,00 %
MT	0	0	0	0	0	0,00 %
NL	0	0	0	0	0	0,00 %
AT	0	0	0	0	0	0,00 %
PL	29	29	36	30	124	8,26 %
PT	0	0	0	0	0	0,00 %
RO (1)					0	0,00 %
SI	21	40	40	40	141	9,39 %
SK	0	0	0		0	0,00 %
FI	0	0	0	0	0	0,00 %
SE	0	0	0	7	7	0,47 %
UK	0	0	0	0	0	0,00 %
Total	**236**	**278**	**451**	**536**	**1501**	**100,00 %**

(1) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

Tabella 4. Applikazzjonijiet għal-Liċenzji Standard irrifjutati

	Sena				2014-2017	Sehem mit-total f'%
	2014	2015	2016	2017		
BE (1)	0	0	0	0	0	0,00 %
BG	0	0	0	0	0	0,00 %
CZ	0	0	0	1	1	0,21 %
DK (3)					0	0,00 %
DE	0	0	0	2	2	0,43 %
EE	0	0	0	0	0	0,00 %
IE	0	0	0	0	0	0,00 %
EL	3	1	1	0	5	1,07 %
ES	70	58	45	0	173	37,12 %
FR	0	0	0		0	0,00 %
HR	0	0	0	0	0	0,00 %
IT (2)	75	50	87		212	45,49 %
CY	0	0	0	0	0	0,00 %
LV	0	0	0	5	5	1,07 %
LT	0	0	0	0	0	0,00 %
LU	0	0	0	0	0	0,00 %
HU	1	0	2	0	3	0,64 %
MT	2	0	4	0	6	1,29 %
NL	0	0	0	0	0	0,00 %
AT	0	1	0	1	2	0,43 %
PL	0	1	0	0	1	0,21 %
PT	0	0	0	0	0	0,00 %
RO (3)					0	0,00 %
SI	0	0	0	0	0	0,00 %
SK	0	0	0		0	0,00 %
FI	0	1	1	1	3	0,64 %
SE	1	0	0	0	1	0,21 %
UK	13	17	6	16	52	11,16 %
Total	**165**	**129**	**146**	**26**	**466**	**100,00 %**

(1) L-ebda informazzjoni disponibbli għall-2014, l-2015, l-2016
(2) Rifjut ta' ċertifikati ta' ċirkolazzjoni ħielsa.
(3) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

Tabella 5. Kunsinni mhux konformi skoperti

	Sena				2014-2017	Sehem mit-total (f'%)
	2014	2015	2016	2017		
BE (1)	0	0	0	0	0	0,00 %
BG	0	0	0	0	0	0,00 %
CZ	0	1	1	0	2	1,21 %
DK (2)					0	0,00 %
DE	0	0	0	3	3	1,82 %
EE	0	0	0	0	0	0,00 %
IE	0	0	0	0	0	0,00 %
EL	3	0	0	0	3	1,82 %
ES	0	0	0	0	0	0,00 %
FR	0	0	0		0	0,00 %
HR	0	0	0	0	0	0,00 %
IT	9	5	5		19	11,52 %
CY	0	0	0	0	0	0,00 %
LV	0	0	0	0	0	0,00 %
LT	0	0	0	0	0	0,00 %
LU	0	0	0	0	0	0,00 %
HU	64	38	16		118	71,52 %
MT	0	1	3	2	6	3,64 %
NL	0	0	0	0	0	0,00 %
AT	0	0	0	3	3	1,82 %
PL	0	0	0	0	0	0,00 %
PT	0	0	0	0	0	0,00 %
RO (2)					0	0,00 %
SI	0	0	0	0	0	0,00 %
SK	0	0	0		0	0,00 %
FI	1	4	0	6	11	6,67 %
SE	0	0	0	0	0	0,00 %
UK	0	0	0	0	0	0,00 %
Total	**77**	**49**	**25**	**14**	**165**	**100,00 %**

(1) L-ebda informazzjoni disponibbli għall-2014. 2015 u 2016.
(2) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika.

Tabella 6. Il-Liċenzji standard maħruġa mill-Istati Membri, meta mqabbla mal-Liċenzji standard irrifjutati u l-Kunsinni mhux konformi skoperti

	2011-2013		2014-2017	
Liċenzji standard tal-esportazzjoni maħruġa	69895		70433	
Applikazzjonijiet għal-liċenzji standard tal-esportazzjoni rrifjutati	318	0,45 %	466	0,66 %
Kunsinni mhux konformi skoperti	147	0,21 %	165	0,23 %